**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**Vs**

**Hamza Mohamud Ibrahim**

**Illum 27 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Hamza Mohamud Ibrahim, iben Mahmud u Hawa neè Ahmed, imwieled is-Somalja nhar it-3 ta' Awwissu 1994 u detentur ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 101937A, talli nhar il-21 ta' Ottubru 2022 bejn nofsinhar u l-erbgħa ta' wara nofsinhar (12:00hrs-16:00hrs) ġewwa Triq Azzopardi, Marsa, u f'dawn il-Gżejjer:

1. Bil-ħsieb li jisraq minn ġewwa diversi vetturi, fosthom il-vettura ta' l-għamla Mitsuvishi bin-Numru ta' Reġistrazzjoni TAFRANS għad-dannu ta' Yanica Farrugia u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, kif ukoll mill-vettura ta' l-għamla Ford bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CCL-157 għad-dannu ta' Hamid Muhsin u/jew persuna/i u/jew entita/jiet oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, liema serq kieku seħħ kien ikun aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-mezz u dan bi ksur ta' l-Artikoli 41(1)(a), 261, 271(g) u 281(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Għex ħajja ta' għazz u vagabundaġġ u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(w) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Kif ukoll talli kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża hekk kif mogħtija nhar l-10 ta' Ottubru 2022 mill-Maġistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D., liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel u dan bi ksur ta' l-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat li l-imputat iddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu mtennija u kkonfermata wara li l-Qorti tatu żmien biżżejjed biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura mill-ammissjoni ta' ħtija;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni nhar it-22 ta' Ottubru 2022, ossia l-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "A", stqarrija rilaxxata mill-imputat - Dok. "B", dikjarazzjoni ta' l-imputat ta' rifjut tal-parir legali - Dok. "C", rapport tal-Pulizija bin-Numru NPS 2/POL/5130/2022 - Dok. "D" u sentenza fl-ismijiet "Police v. Hamza Mohamud Ibrahim" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-6 ta' Ġunju 2022;

Rat is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Hamza Mohamud Ibrahim" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-10 ta' Ottubru 2022, esebita mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2022;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar il-21 ta' Ottubru 2022 bejn nofsinhar u l-erbgħa ta' wara nofsinhar (12:00hrs-16:00hrs) ġewwa Triq Azzopardi, Marsa, u f'dawn il-Gżejjer: (1) Bil-ħsieb li jisraq minn ġewwa diversi vetturi, fosthom il-vettura ta' l-għamla Mitsuvishi bin-Numru ta' Reġistrazzjoni TAFRANS għad-dannu ta' Yanica Farrugia u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, kif ukoll mill-vettura ta' l-għamla Ford bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CCL-157 għad-dannu ta' Hamid Muhsin u/jew persuna/i u/jew entita/jiet oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, liema serq kieku seħħ kien ikun aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-mezz u dan bi ksur ta' l-Artikoli 41(1)(a), 261, 271(g) u 281(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) Għex ħajja ta' għazz u vagabundaġġ u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(w) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) Kif ukoll talli kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża hekk kif mogħtija nhar l-10 ta' Ottubru 2022 mill-Maġistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D., liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel u dan bi ksur ta' l-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) U aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti tqis li għandha ssibu hekk ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qed jiġi mixli l-imputat u li qed jiġu minnu ammessi u ħadet in konsiderazzjoni wkoll l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat kif ukoll il-fatt li l-imputat għandu bżonn gwida biex jitgħallem jisfrutta l-ħiliet tiegħu u mhux jirrikorri għal ħajja ta' kriminalità.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(d), 20, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(g), 263(a), 271(g), 278(1)(2), 338(w) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' tmien (8) xhur priġunerija effettiva.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tordna li t-terminu ta' ħdax-il (11) xahar priġunerija imposta fuq l-imputat bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Hamza Mohamud Ibrahim" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-10 ta' Ottubru 2022, tibda sseħħ

u għaldaqstant l-imputat għandu jiskonta wkoll tali terminu ta' ħdax-il (11) xahar priġunerija effettiv.

Għal kull buon fini l-Qorti tagħmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilità Korretiva ta' Kordin sabiex l-imputat jingħata dik il-gwida meħtieġa sabiex jitgħallem jisfrutta l-abiltajiet tiegħu minflok ma jirrikorri għal ħajja ta' kriminalità.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**